MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 52/2008/2

**Rosanna sive Roxanne Rizzo f'isimha proprio**
**u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri**
**Joseph u Robert ahwa Rizzo**

**v.**

**Adrian Rizzo**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-21 ta' Gunju 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn iz-zewg partijiet b'tort indaqs bejniethom, u wara li ordnat lill-konvenut li b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' €100 fix-xahar, ghaddiet sabiex tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, il-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni u l-assenjazzjoni taghhom liz-zewg partjiiet; l-ispejjez gew akkollati lill-partijiet f'ishma ndaqs.

2. Il-konvenut appella minn din is-sentenza, u sejjes l-aggravji tieghu fuq tlett aspetti: [1] it-tort attribwit lilu ghas-separazzjoni, [2] l-ordni ta' hlas ta' manteniment lill-attrici, u [3] id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tqis il-fond appartament numru tnejn (2), flimkien mal-garage sottostanti, fil-binja numru hdax (11) Triq il-Qlugh, Swieqi, bhala assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

3. Ghalhekk il-konvenut qed jitlob li s-sentenza appellata tigi varjata billi ma tattribwixxi ebda tort lilu ghas-separazzjoni; tirrevoka l-ordni ta' hlas ta' manteniment; tirrevoka dik il-parti fejn qieset id-dar matrimonjali bhala parti mill-komunjoni, u, minflok tiddikjara li dan il-fond hu proprjeta` parafernali tieghu; u li hu m'ghandux ihallas spejjez.

4. Min-naha taghha l-attrici qed titlob li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Il-Fatti

5. Illi l-partijiet izzewwgu fit-23 ta' April 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Robert u Joseph li llum huma maggjorenni. F'Ottubru 2005 meta l-konvenut skopra li l-attrici kienet gibdet il-flus kollha depozitati fil-kontijiet kongunti tal-partjiet, l-inkwiet bejn il-partijiet li kien ilu ghaddej ghal certu zmien, lahaq l-istat fejn ir-relazzjoni matrimonjali taghhom kienet iddigenerat sewwa, u sa tali grad li fl-4 ta' Jannar 2008 l-attrici, flimkien mat-tfal tal-partjiiet, telqet mid-dar konjugali u marret tghix ghand ommha.

**L-Appell**

*L-ewwel aggravju*

6. Dan jirrigwarda l-aspett tal-htija ghas-separazzjoni. Il-konvenut hassu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti attribwiet lilu nofs it-tort ghas-separazzjoni.

7. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-aspettattivi diversi li kellhom il-partijiet miż-żwieġ, u minħabba nkompatibbilta' ċara ta' karattru. L-affidavits ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet, l-aktar mill-aspett finanzjarju u jidher li l-ġestjoni tal-finanzi kienet l-akbar problema; waqt li l-attriċi tgħid li qatt ma kien ikollha flus biżżejjed biex tgħajjex tajjeb il-familja, il-konvenut jakkużaha li kienet tonfoq flus bla rażan. Il-Qorti jidhrilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa evidenti li l-partijiet ma kienux addattati biex jgħixu flimkien.

> "Illi għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet it-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ, tant li spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'* – **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiza mill-Prim'Awla fit-13 ta' Ġunju 1967)."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

8. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-unika problema li kellhom il-partijiet f'dan iz-zwieg u li kienet l-kawza tal-inkwiet matrimonjali kollu li wassal ghat-tkissir tal-konvivenza konjugali, kienu l-flus. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-attrici min-naha taghha tilmenta li l-konvenut ma kienx jiggenera introjtu bizzejjed sabiex jghajjex il-familja, il-konvenut min-naha tieghu jghid li l-attrici kienet tonfoq bl-addocc. L-ewwel Qorti attribwiet it-tkisser tal-hajja matrimonjali ghall-"aspettattivi diversi li kellhom il-partijiet, u minhabba inkompatibilita` cara ta' karattru",

9. Din il-Qorti thoss li ghandha tghid izjed minn hekk. Mill-provi jirrizulta car li l-partijiet, partikolarment l-attrici, ma apprezzawx bizzejjed il-veru sinifikat tal-hajja konjugali, tant li hallew l-aspett finanzjarju jkisser iz-zwieg taghhom.

10. Il-Qorti tosserva li z-zwieg m'huwiex xi kumpanija kummercjali intiza principalment sabiex tiggenera introjtu u tibni kapital, imma z-zwieg huwa unjoni bazata fuq il-konvivenza <u>diretta lejn il-benessere reciproku</u> u li ttendi lejn il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. L-introjtu generat waqt iz-zwieg

m'ghandux ikun wiehed mill-ghanijiet taz-zwieg, izda ghandu jservi biss sabiex il-konjugi jossodisfaw dawk l-esigenzi materjali li huma necessarji ghall-izvilupp materjali tal-hajja matrimonjali u ghat-tkabbir tal-familja.

11. Sfortunatament l-attrici dan ma fehmitux, bir-rizultat li kienet kontinwament tilmenta li l-konvenut ma kienx jaqla' bizzejjed flus sabiex jithallsu l-ispejjez tal-bzonnijiet tal-familja. Dan m'hu sorprendenti xejn ghax ommha stess fix-xhieda taghha tghid: *"Jiena kont ingerger li jaqla' ftit flus komparat maz-zewg uliedi l-ohra[1] u kont anke ssuggerejt li jaghmel part-time."*[2]

12. L-attrici tilmenta li l-konvenut, li jahdem bhala *technician*, kien finanzjarjament instabbli, u wkoll li kien ghazzien, tant li hi kien ikollha taghmel xoghol *part-time* sabiex jaghmlu certu spejjez fid-dar. Issemmi, il-bdil tal-kcina, tal-kamra tas-sodda tat-tfal u l-istallazzjoni tal-arja kondizzjonata fl-appartament. Tilmenta li l-konvenut kien ghazzien u ma kienx jiehu hsieb il-manutenzjoni tad-dar, tant li whud mill-ispejjez kienet kostretta li tohroghom hi mix-xoghol part-time lil kienet taghmel. Tghid li, ghalkemm il-konvenut kien jaghtiha zewg ammonti ta' LM120 fix-xahar, dawn ma kienux bizzejjed sabiex tlahhaq mal-ispejjez tal-hajja. L-attrici tghid li okkazjonalment il-konvenut kien jaqa' fuq l-appogg finanzjarju tal-genituri tieghu biex ihallsu uhud mill-kontijiet, u dan kien isir ad insaputa taghha. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-genituri tal-

[1] Li t-tnejn huma mizzewwgin accountants u awdituri.
[2] Dep. Edith Pace – Fol. 950.

konvenut kienu jhallsu l-assikurazzjoni medika tal-partijiet u tat-tfal taghhom, u wkoll kienu hallsu uhud mill-kontijiet tal-iskola privata fejn kienu jmorru t-tfal tal-partijiet.

13. L-attrici tilmenta li hi ma kienitx stmata minn zewgha u li fid-dar kienet hemm biss biex tnaddaf, issajjar, tahsel il-hwejjeg, tahdem u taghti l-flus lill-konvenut.[3]

14. Il-konvenut min-naha tieghu jichad li kien ghazzien, u kif jirrizulta mill-*curriculum vitae* tieghu huwa kien ghamel diversi korsijiet sabiex avvanza l-pozizzjoni tieghu b'awment fil-paga. Huwa jakkuza lill-attrici li, ghalkemm kien jaghtiha kwazi nofs is-salarju mensili tieghu, din kienet tonfqu kollu u kienet "tonfoq bl-addocc". Jghid li l-*upgrading* fl-appartament bix-xiri tal-oggetti fuq indikati kien sar in parte anki mill-flus li kien dahhal hu, u mhux biss minn dawk li kienet gemmghet l-attrici.

15. Din il-Qorti tosserva li mid-dokument[4] prezentat mill Employment and Training Corporation, jirrizulta li bejn is-snin 1991 u 2008, il-konvenut kien safa' qieghed sbatax-il darba [17] u ghal zmien relattivament qasir, hlief fis-sena 1997 meta kien dam qieghed ghal circa sitt [6] xhur. Skont l-imsemmi dokument, huwa kien gie *redundant* hames (5) darbiet, kien irrezenja mix-

[3] Fol. 27.
[4] Fol. 872.

xoghol tliet (3) darbiet. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li hu kien jitlaq minn xoghol ghal iehor biex itejjeb il-pozizzjoni finanzjarja.

16. Il-konvenut jghid li, filwaqt li l-paga tieghu kien juzaha ghall-bzonnijiet tal-familja, l-attrici kienet titfa' l-introjtu taghha f'kont separat fuq isimha biss. Hi tispjega li dan kienet taghmel hekk sabiex il-konvenut ma jkunx jista' jmiss dawk il-flus u jonfoqhom f'affarijiet mhux bzonnjuzi.

17. Din hi l-istampa li kellha quddiemha l-ewwel Qorti meta osservat li l-partijiet kellhom aspettativi differenti. L-attrici tippretendi li l-konvenut jahdem izjed u jdahhal aktar flus, filwaqt li l-konvenut isostni li hu kien jahdem u kien jghaddi nofs il-paga lill-attrici.

18. Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet iggib *cleaner* darba fil-gimgha.[5] Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Simone Attard, persuna estraneja, li kkonfermat ukoll it-tezi attrici li l-konvenut ma kienx jiehu hsieb il-manutenzjoni fid-dar bir-rizultat li l-*geyser* kien iqattar u s-saqaf tal-kcina kien umdu bl-ilma.

19. Jigi ribadit li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament diskrezzjonali maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jirrizultax xi zball manifest jew ghal ragunijiet gravi, jew jekk ma jezistux provi bizzejjed sabiex dik il-qorti tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

[5] Dep.Simone Attard – Fol. 866.

20. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel Qorti kellha elementi ta' provi sufficjenti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm inkompatibbilita` serja bejn il-partijiet u "aspettattivi diversi" li kienu ta' ostakolu serju ghall-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet. Izda din il-Qorti ma taqbilx ma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti akkollat l-htija tas-separazzjoni bejn il-partijiet f'ishma ndaqs.

21. Huwa veru li l-konvenut min-naha tieghu seta` wera aktar hegga lejn il-bzonnijiet tad-dar u jfittex li jsib aktar stabbilita` fil-hajja lavorattiva tieghu, izda dan in-nuqqas ma jistax jitqies fuq l-istess livell tal-htija tal-attrici. Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet tippretendi li l-konvenut jahdem aktar biex jaqla' aktar u tilmenta li kellha tohrog tahdem hi *part-time* sabiex ilahhqu mal-ispejjez.

22. Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-ligi tghid li l-oneru tar-responsabbilita` taz-zwieg jaqa' ugwalment fuq iz-zewg partijiet, u apparti l-obbligu reciproku tal-fedelta`, it-tnejn ghandhom l-obbligu reciproku li jassistu lil xulxin moralment u materjalment[6]. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara ebda nuqqas da parti tal-konvenut fil-fatt li, biex ikabbru l-introjtu tal-komunjoni, l-attrici kienet taghmel xoghol *part-time*. Wara kollox il-konvenut kien jahdem u jmur ghax-xoghol regolarment. Dan gie anke konfermat mix-xhud indipendenti Elizabeth Galea prodotta mill-attrici, li tghid li: *"Il-pattern tal-partjiet huwa normali fis-sens li johorgu ghax-xoghol regolari."*[7]. Simone Attard, xhud ohra indipendenti

[6] Art.3 Kap.16.
[7] Vol.2 – 866.

wkoll prodotta mill-attrici, li kienet tiffrekwenta d-dar tal-partijiet tghid : *"Adrian used to be at work a lot and when at home he used to be on the computer….Roxanne used to be always with the children. Adrian was not much with them since he was always at work."*[8]

23. Jinghad ukoll li, ghalkemm l-attrici kienet titfa' l-introjtu taghha f'kont separat, hija kienet ikkontribwiet b'dan l-introjtu ghal *upgrade* fid-dar matrimonjali.

24. Il-Qorti tosserva li l-element tal-flus f'mohh l-attrici kien tant qawwi li, f'Ottubru 2005 hija gibdet il-flus kollha mill-kontijiet kongunti ta' bejn il-partijiet u poggiethom f'kont bankarju fuq isimha ma' bank iehor, u dan *ad insaputa* tal-konvenut u minkejja li nofs il-flus kienu jappartjenu lilu bhala sehemu mill-komunjoni. L-iskuza li hi kienet gibdet il-flus biex tinvestihom ahjar hija banali, tenut kont li dan ghamlitu minn wara dahar il-konvenut.

25. F'dan l-istadju din il-Qorti thoss li ma tistax ma ssemmix il-fatt li wara li l-attrici telqet bit-tfal mid-dar konjugali f'Jannar 2008, mhux ghax kien hemm swat jew ingurji gravi, izda ghax ma rieditx tghix izjed mal-konvenut, hija influwenzat lit-tfal tal-partijiet, direttament jew indirettament, biex dawn tbieghdu min-nanniet paterni li qabel ma nqala' l-inkwiet matrimonjali kienu vicin hafna taghhom tant li kienu jhallsulhom kontijiet tal-iskola privata u anke l-assikurazzjoni BUPA, kif ukoll in-nannu patern kien jaghti privat lil wiehed

[8] Ibid.

minnhom. Izda wara li l-attrici telqet mid-dar konjugali, il-kuntatt man-nanniet paterni waqaf hesrem; u mill-provi jirrizulta incident fejn in-nanniet sabu mixhutin fil-parapett taghhom ir-rigal li kienu baghtu lil wiehed mit-tfal tal-partijiet. Fix-xhieda taghha, in kontro-ezami, l-attrici tammetti li t-tfal ilhom ma jkellmu n-nanniet ghal circa erba' snin, u ssostni li "Ma nafx ghalfejn".[9] Il-Qorti tosserva li din ir-risposta tal-attrici hija manifestament inveritiera, izda anke jekk *dato non concesso* huwa minnu li hi ma kinietx taf ir-raguni ghalfejn it-tfal qatghu l-kuntatt taghhom minn man-nanniet paterni li dejjem urewhom li jhobbuhom, hija bhala genitur responsabbli kellha tindaga dwar ir-raguni ghalfejn it-tfal ma baqghux imorru jarawhom, u ghaliex, per ezempju, it-tifel il-kbir kien waqaf imur ghand in-nanniet ghall-privat. Dan qed jinghad ghax huwa fl-interess tat-tfal, allura minorenni, li jkollhom rapport tajjeb u saltwarju man-nanniet taghhom, kemm materni kif ukoll dawk paterni. Sfortunatament din ic-cirkostanza tirrifletti hazin fuq l-istat ta' animu tal-attrici li ma kellhiex tinvolvi lit-tfal fil-kwistjonijiet taghha ma' zewgha u man-nanniet.

26. Rigward il-htija ghas-separazzjoni jirrizulta li sfortunatament il-flus kienu fonti kontinwa ta' litigju bejn il-partjiiet, partikolarment min-naha tal-attrici. Dawn il-kwistjonijiet kellhom l-effett li ggeneraw sentimenti negattivi bejn il-partijiet fil-konfront ta' xulxin, b'detriment serju ghall-affezzjoni reciproka li ghandha tezisti bejn il-mizzewwgin u li ghandha tkun sottostratt sod tal-hajja konjugali. Fil-kaz odjern, dan il-pedament kien ixxaqqaq sew bil-litigi kostanti fuq il-flus, tant li, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, l-partjiiet spiccaw jghixu

[9] Fol. 971.

f'rapport kostanti ta' disprezz u ta' oltragg li, ezercitat fuq bazi ripetuta u abitwali, rrenda insapportabbli l-konvivenza matrimonjali. Dan jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.

27. Ferm il-premess, din il-Qorti, ghalkemm taqbel mal-ewwel Qorti li l-htija tas-separazzjoni personali tirrisjedu fuq iz-zewg partijiet, ma taqbilx li l-htija hija ugwali bejniethom, u hi tal-fehema li l-htija tal-attrici hija akbar minn dik tal-konvenut. Dan ghandu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez relatati mal-ewwel istanza, fis-sens li ¾ tal-htija ghandha tigi attribwita lill-attrici, u ¼ ghandu jigi attribwit lill-konvenut.

28. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat.

*It-tieni aggravju*

29. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha ta' mitt ewro fix-xahar. L-aggravju huwa fis-sens li fir-rikors promotur l-attrici ma talbitx manteniment ghaliha, izda biss ghaz-zewgt itfal allura minuri, u ghalhekk fin-nuqqas ta' kawzali espressa fir-rikors promotur, l-ewwel Qorti ddecidiet *extra petita* meta kkwantifikat u ordnat li jithallas manteniment ghall-attrici.

30. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> “**MANTENIMENT**
>
> “Illi għandu jingħad illi l-attriċi għalkemm taħdem *part-time* għandha dħul saltwarju, filwaqt li l-konvenut issa huwa *self-employed*. Matul il-kors tal-kawża, il-Qorti kienet ordnat ħlas ta’ manteniment ta’ sittin Ewro (€60) u ħames mija u tnax-il Ewro (€512) fix-xahar rispettivament għall-attriċi u t-tfal. Hawn ta’ min jgħid li l-konvenut kien pront waqqaf il-ħlas kif it-tfal saru maġġorenni. Minħabba d-disparita` konsiderevoli bejn id-dħul tal-partijiet u anke għaliex hija ma għamlet xejn fil-fehma tal-Qorti biex timmerita d-dekadenza, se tordna ħlas nominali ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar b’effett mill-1 ta’ Lulju 2013.”

31. Fir-rigward din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

32. F’kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn tkun ser tigi pronunzjata s-separazzjoni bejniethom, kif ukoll fejn il-Qorti tkun ser tiddeciedi dwar l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, fosthom dawk tal-kura u kustodja u manteniment, kif ukoll il-likwidazzjoni tal-assi matrimonjali, ghandu jigi kkonsidrat ukoll il-manteniment talvolta dovut lill-konjugi li ma jkunx jahdem, anke jekk ma jkunx hemm talba espressa f’dan ir-rigward fir-rikors promotur. Dan qed jinghad ghax il-manteniment talvolta dovut lill-konjugi li ma jkunx iddekada minn dan id-dritt johrog mil-ligi, u huwa fl-interess tas-socjeta`, tenut kont tal-fatt li fejn il-konjugi jkun sprovvist minn mezzi ghal ghixien tieghu huwa jaqa’ fuq il-beneficji socjali u cioe` l-erarju tal-iStat, filwaqt li ghandu jkun car li l-obbligu tal-manteniment tal-konjugi fil-bzonn huwa tal-konjugi l-iehor li jkun jista’ jhallsu, u mhux obbligu tal-iStat.

33. Kif affermat minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza **App.S.Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**.[10]

> "L-obbligu tal-manteniment hu tal-koppja mizzewwga, u mhux tac-cittadini Maltin. Mara mizzewwga m'ghandhiex tkun ta' piz fuq il-Gvern [li jkollu jaghmel tajjeb ghal dan, minn flus il-poplu] izda ta'l-istess koppja.
>
> "Min-naha l-ohra huwa l-obbligu taz-zewg partijiet li jahsbu ghall-manteniment, u peress li l-mara kapaci u tista' tahdem… ir-ragel m'ghandux jibqa' obbligat li jmantniha ghal snin twal, specjalment meta l-mara tkun hi li kkontribwiet ghall-ksur tal-hajja matrimonjali…. "

34. Fil-kaz in dizamina, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-attrici ghandha l-kapacita` li tahdem u tiggenera introjtu. Dan jirrizulta kemm mill-fatt provat li matul il-hajja matrimonjali hi kienet taghmel diversi xoghlijiet, bhalma huma ggib l-*host students*, tiggestixxi *tuck shop* ta' skola, taghti privatijiet, u anke taghmilha ta' *babysitter*, u ma jirrizultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli ssib xoghol b'introjtu adegwat. Tant hu hekk, li fir-rikors promotur lanqas ghamlet talba ghall-manteniment ghaliha, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha fir-rigward semplicement irrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti.

35. Ghal dawn ir-ragunijiet, anke tenut kont li l-htija tal-firda tirrisjedi principalment fuq l-attrici, u tenut kont li ma giex provat li l-attrici qeda fil-bzonn kif tirrikjedi l-ligi,[11] din il-Qorti, ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li takkordalha manteniment. Ghalhekk ser tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn

[10] Deciza 3 ta' Ottubru 2008.
[11] Art.20 Kap.16.

ordnat lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici, u minflok, tiddikjara li gjaladarba ma jirrizultax li l-attrici hija fil-bzonn, *rebus sic stantibus*, mhux ser tiffissa manteniment ghall-attrici.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.

*It-tielet aggravju*

37. Dan jirrigwarda l-proprjeta` tal-appartament fuq indikat li serva bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet. L-ewwel Qorti ddecidiet li din tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-konvenut jishaq li din hi proprjeta` parafernali tieghu.

38. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "**Beni immobbli**;
>
> "Illi l-attriċi ma għadhiex tgħix fid-dar matrimonjali illi hija okkupata mill-konvenut peress li minn kif jirriżulta mix-xhieda tagħha stess hija telqet minn hemm għar-raġunijiet tagħha fl-2008. Dwar din id-dar hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk hijiex parafernali tal-konvenut jew hijiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Minkejja li l-kuntratt tal-akkwist (pubblikat fl-1986) sar mill-konvenut, l-attriċi ssostni fil-fatt li l-flus inħarġu bejniethom. Għalkemm wieħed ma jifhimx x'seta kienet ir-raġuni għal dan, il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless taċ-ċirkostanzi li ġew pruvati għandha tadotta dak dispost fis-sentenza **"Marthese Vella et noe vs George Vella"** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003 u tqis din il-proprjeta` bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatturi l-aktar important huma li l-kuntratt tal-akkwist sar fl-1986 u allura ftit aktar minn sentejn qabel iż-żwieġ, meta l-partijiet kienu ġja' ilhom erbgħa snin joħorġu flimkien; il-fond inxtara għas-somma ta' Lm10,400 li minnhom Lm8,000 kienu self mill-Bank u għalhekk ir-ripagamenti saru prinċipalment minn flus tal-komunjoni tal-akkwisti; kien għad baqa' jitħallsu Lm7,400 meta l-partijiet iżżewġu. Skont l-

attriċi huma kien anke bdew iħallsu lura s-self fi kwoti ndaqs qabel ma żżewġu, il-Qorti ma ssib ebda raġuni biex tiddubitaha. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-iskop tal-akkwist kien li l-partijiet jixtru l-fond in kwistjoni flimkien. Kif intqal fis-sentenza **"Vella vs Vella"** fuq imsemmija, *"l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' ħaddieħor jiswa avolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-oħra ma jkunx sar bil-miktub."* (**Vol. XXXIV-ii-430, Vol. XXXVII-i-350, XXVIII-i-620 u XXVIII-i-60). Il-Qorti naturalment se tordna l-bejgħ tad-dar biex kull parti tieħu sehemha.**

"Illi madankollu b'sens ta' ġustizzja jkun ekwu li billi l-konvenut hallas il-pagament fuq il-kuntratt, u ċjoe' s-somma ta' elfejn u erba' mittt Liri Maltin (Lm2,400) ossija ħames t'elef ħames mija u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€5,590.50) dawn għandhom jiġu prelevati minnu qabel jinqasmu l-flus meta tinbiegħ id-dar matrimonjali."

39. Il-fatti fir-rigward huma dawn.

40. L-attur kien xtara l-fond, konsistenti f'appartament u garage, fis-19 ta' Dicembru 1986 meta l-partijiet kienu gja johorgu flimkien tant li l-attrici kienet prezenti kemm ghar-redazzjoni tal-konvenju kif ukoll ghall-kuntratt, izda fuq dawn l-atti hi ma dehritx, u deher biss il-konvenut.

41. Il-prezz tal-fond kien indikat fl-ammont ta' LM10,400 li minnhom il-konvenut hallas LM2,400 fuq il-kuntratt filwaqt li r-rimanenti LM8,000 thallsu b'self mill-bank kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' xiri-u-bejgh. Il-konvenut beda jaghmel il-pagamenti tas-self mal-akkwist tal-post, u ghalhekk sa minn qabel iz-zwieg. Wara z-zwieg huwa kompla jhallas il-*loan* mill-paga tieghu. Ghalhekk is-self thallas b'pagamenti li saru minnu kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg.

42. Mill-provi jirrizulta li tul il-perjodu bejn il-pubblikazzjoni tal-kuntratt f'Dicembru 1986 sad-data taz-zwieg f'April 1989, il-konvenut baqa' jhallas wahdu l-pagamenti tal-*loan* fl-ammont mensili ta' LM60. Ghalkemm l-attrici tghid li hi kienet harget nofs dawn l-ammonti,[12] izda ma ressqitx provi ghajr prospett[13] maghmul minnha, u *statements* tal-Bank, ta' kont kongunt bejn il-partijiet, u li jirreferu ghall-perjodu ta' wara z-zwieg, cioe` bejn Lulju 2001 u Lulju 2002. Inoltre, il-konvenut cahad li l-attrici kienet tikkontribwixxi ghall-pagamenti li kienu saru minnu qabel iz-zwieg[14]. Ghalhekk din il-pretensjoni attrici m'hijiex sostnuta minn provi u ghandha tigi skartata.

43. Illi l-ammonti mhallsa mill-konvenut bejn Jannar 1987 u April 1989, bir-rata mensili ta' LM60, jammontaw komplessivament ghal LM1,620.[15] Ghalhekk sad-data taz-zwieg kien ghad hemm bilanc ta' circa LM6,380.[16] Inoltre, minn dan l-ammont ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm2,283.64 imhallas mill-genituri paterni fil-21 ta' Mejju 2004[17] hiex jinghalaq il-kont tas-self. Ghalhekk l-ammont li thallas mill-komunjoni tal-akkwisti huwa ta' LM4,096.36,[18] u l-attrici hi intitolata ghal nofs dan l-ammont li huwa LM2,048.18 illum ewkivalenti ghal <u>€4,772.25</u>.

---

[12] Vol.1 – Fol. 31.
[13] Vol.1 – Foll. 48 *et seq*.
[14] Vol.2 – Fol. 988.
[15] LM60 x 12xahar x 2 snin + [60 x 3 xhur].
[16] LM8,000 – LM1,620.
[17] Vol.2 – Foll. 676 sa 680.
[18] LM10,400 – LM2,400 – LM1,620 – LM2,283.6 5 ÷ 2 = LM2,048.18.

44. Il-partijiet izzewwgu fit-23 ta' April 1989, u cioe` circa sentejn u nofs wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

45. Rigward it-tezi attrici dwar l-ezistenza tal-mandat tacitu, din il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fil-kawza deciza llum stess fl-ismijiet **Julia Coleiro v. Carmel Coleiro**[19] fejn din il-Qorti osservat hekk:

> "Huwa stabbilit li, biex jinghata mandat bhal dan *[prestanome],* m'hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b'mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f'isimha. Jehtieg madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba tal-hatra bhal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il-prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawzi ta' natura civili"[20]
>
> "55.Ghalhekk l-ezercizju li jehtieg isir mill-qorti gudikanti huwa dak li tiddetermina jekk fil-kaz odjern gewx sodisfacentement provati l-fatti li, kumuluttivament, iwasslu ghall-konfigurazzjoni tal-figura tal-*prestanome*; u din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ghandha l-kompitu li tezamina jekk id-decizjoni mehuda mill-ewwel Qorti fir-rigward hijiex manifestament zbaljata jew jekk mill-fatti provati ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, cioe` li fuq l-att tal-akkwist il-konvenut kien deher kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tal-attrici."

46. Din il-Qorti, wara ezami rett tal-atti processwali, hija tal-fehema li, ghalkemm huwa minnu, anzi huwa pacifiku, li l-fond kien gie akkwistat mill-konvenut sabiex iservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u ghalkemm parti mill-*loan* thallset wara z-zwieg il-fatti provati jsostnu t-tezi tal-konvenut, u cioe` li meta hu kien deher fuq il-kuntratt tal-akkwist deher f'ismu proprju biss u bil-

[19] RG.251/2005.
[20] App.S 1088/03 **Yvette Galea v. Philip Galea**, deciza 3 ta' Frar 2012.

ghan li jixrti il-fond hu biss. Din il-konkluzjoni hi sostnuta mis-segwenti konsiderazzjonijiet:

47. Sabiex jikkonfigura l-mandat tacitu jehtieg li jigi ppruvat il-kunsens espress, ghalkemm mhux necessarjament bil-miktub, taz-zewg partijiet; jehtieg li jigi ppruvat l-*idem placitum consensus* taz-zewg partijiet, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut ghax huwa l-fuzjoni tal-kunsens taghhom li johloq il-vinkolu legali u jwassal ghall-ezistenza ta' dan il-mandat u ghall-applikazzjoni tal-principji relattivi.

48. Fil-kaz odjern jirrizulta car li, fuq il-kuntratt u anke fuq il-konvenju, deher il-konvenut biss, u l-attrici, ghalkemm prezenti ma deheritx fuq l-ebda wiehed minn dawn l-atti, u ma tatx spjegazzjoni ghal dan. Inoltre, ma rrizultatx l-ezistenza ta' xi impediment legali, jew *del resto* xi impediment iehor, li ostakola lill-attrici milli tidher fuq il-kuntratt. Hija kienet prezenti izda ma ffirmatx, u ghalhekk hija valida l-konkluzjoni li n-nuqqas taghha li tidher fuq l-atti relattivi jfisser li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet li jakkwistaw il-post flimkien bhala kompropretarji. Huwa minnu li l-akkwist kien sar bi skop li l-fond jintuza bhala d-dar matrimonjali, imma l-provi juru li l-akkwist kien sar mill-konvenut biss u ghalhekk il-fond jappartjeni lilu u lilu biss.

49. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fil-konkluzjoni taghha li f'dan il-kaz ghandhom japplikaw il-principji tal-*prestanome*. Dik il-

Qorti ssemmi tliet fatturi li wassluha ghall-konkluzjoni taghha: li l-akkwist tal-fond sar ftit aktar minn sentejn qabel iz-zwieg; li l-parti l-kbira tal-prezz thallas matul iz-zwieg u allura mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti; u li l-iskop tal-akkwist kien li l-partijiet jixtru l-fond flimkien.

50. Din il-Qorti tosserva li l-ebda wiehed minn dawn il-fatturi, u lanqas kumulittivament, ma jwasslu ghall-prova sodisfacenti tal-ezistenza tal-*prestanome*. Il-fatt li l-fond inxtara aktar minn sentejn u nofs qabel iz-zwieg ma jimmilitax favur it-tezi attrici, anzi l-fatt li l-attrici kienet prezenti u ma ffirmatx ghall-kuntrattt juri proprju l-kuntrarju u cioe` li l-konvenut kien qed jakkwista l-fond biex ikun proprjeta` tieghu. L-anqas il-fatt li parti mill-prezz thallas mill-flus tal-komunjoni tal-akkwisti ma jimmilita favur it-tezi attrici, stante li dan jaghti biss lok ghall-kreditu tal-komunjoni fil-konfront tal-konvenut, u ghalhekk il-konsegwenzjali kreditu favur l-attrici ta' nofs il-pagamenti maghmula. Fl-ahharnett il-fatt li l-fond inxtara mill-konvenut bl-iskop li jservi bhala d-dar matrimonjali ma jwassalx, in difett ta' provi cari li juru l-kuntrarju, ghall-konkluzjoni li l-akkwist kien qed isir ukoll ghan-nom tal-attrici, ghax ghandha ssir distinzjoni bejn l-iskop jew il-motiv li ghalih inxtara l-fond, u l-akkwist tal-proprjeta` tal-istess fond, u f'dan il-kaz kif fuq indikat, il-provi juru li fuq il-kuntratt deher biss il-konvenut ghax kien hu biss li kien qed jakkwista l-fond.

51. Lanqas il-fatt provat li sussegwentement, u cioe` wara l-akkwist tal-fond, il-partijiet tgharrsu formalment u kienu ftehmu li l-konvenut ikompli jhallas l-ispejjez tal-fond filwaqt li hi thallas l-ispejjez tal-honeymoon, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, ghax il-fatt li l-konvenut accetta l-ftehim li l-attrici thallas il-*honeymoon* ma jaghmilx lill-attrici partecipi fil-proprjeta` tal-fond. *Se mai* dan il-ftehim ikompli jsahhah il-konkluzjoni li l-fond jappartjeni lill-konvenut u ghalhekk accetta li jkompli jhallas hu l-ispejjez tal-fond. Inoltre, il-Qorti tosserva li dan il-ftehim jirrigwarda biss il-modalita` tal-hlas tal-ispejjez bejn il-partijiet, liema spejjez kienu maghmula ghall-godiment taghhom it-tnejn, izda ma jirrigwardjawx <u>id-dritt ta' proprjeta`</u> tal-fond *de quo*.

52. Stabbilit li l-fond jappartjeni fl-intier tieghu lill-konvenut, din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

53. Illi, la darba d-dar matrimonjali hi parafernali tar-ragel, u la darba rrizulta car li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici harget ammonti ta' flus sabiex tigi rrangata l-kcina, il-kamra tas-sodda tat-tfal u l-*living room* u sabiex giet installata l-arja kondizzjonata fil-fond proprjeta` parafernali tal-konvenut, ghandu jigi likwidat ammont bhala kreditu favur l-attrici rapprezentanti sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward. Peress li mill-provi ma jirrizultax l-ammont tal-ispejjez li saru sabiex saru dawn il-benefikati fil-post, din il-Qorti ser tikwantifika *arbitrio boni viri* l-kreditu dovut lill-attrici mill-konvenut fir-rigward, tenut kont ukoll tal-fatt li ghal xi zmien, u cioe` qabel is-

separazzjoni *de facto*, anke l-attrici wkoll kienet ghamlet uzu minnhom. Ghalhekk il-Qorti qed tikkwantifika dan il-kreditu favur l-attrici fl-ammont komplessiv ta' elf u hames mitt ewro [€1,500].

54. Inoltre, ladarba matul il-hajja matrimonjali l-attrici bil-hidma taghha tul is-snin indokrat il-familja u zammet il-fond fi stat li, din il-kontribuzzjoni taghha ghandha tinghatha valur, u dan in linea mal-hsieb enunzjat minn din il-Qorti diversament komposta fil-kawza **Yvette Galea v. Philip Galea**[21]. Fil-kaz odjern, tenut kont li din il-kontribuzzjoni da parti tal-attrici ilha sejra sa minn April 1989, u baqghet ghaddejja sa Jannar 2008, f'liema perjodu, l-attrici kienet ukoll taghmel xoghlijiet *part-time* sabiex izzid l-introjtu tal-komunjoni, il-Qorti qed tiffissa *arbitrio boni viri* l-kontribuzzjoni taghha f'dan ir-rigward fl-ammont ta' €13,500.

55. Ghar-ragunijiet premessi din il-parti tas-sentenza appellata ser tigi revokata, u minflok, ser jigi dikjarat li l-fond fuq indikat huwa proprjeta` parafernali tal-konvenut, filwaqt li l-konvenut ghandu debitu fil-konfront tal-attrici fl-ammonti ta' €1,500, €13,500 u €4,772.25[22], b'kollox <u>€19,772</u>. Dan l-ammont ghandu jigi mhallas lill-attrici f'erba' pagamenti ta' mhux anqas minn €4,943 pagabbli kull sena.

---

[21] F'din il-kawza din il-Qorti kienet ikkomputat il-valur tal-kontribut moghti mill-attrici fir-rigward tad-dar matrimonjali proprjeta` parafernali tal-attrici fl-ammont ta' €13,000.

[22] Ara para. 43

56. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u ser jigi milqugh fit-termini fuq indikati.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell limitatament billi tvarja s-sentenza appellata kif ser jinghad;

tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet ugwalment, u, minflok, tiddikjara li ghas-separazzjoni tahti principalment l-attrici u sekondarjament il-konvenut;

tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ta’ mitt euro (€100) fix-xahar, u minflok, tiddikjara li *rebus sic stantibus*, la darba ma jirrizultax li l-attrici hija fil-bzonn skont il-ligi, mhux il-kaz li jigi fissat manteniment ghaliha;

tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat il-bejgh tal-fond 11, appartament numru 2, Triq l-Ilqugh, Swieqi, kif ukoll dik il-parti fejn ordnat li mill-assi tal-komunjoni jigi prelevat l-ammont ta’ hamest elef hames mija u disghin euro (€5,590) biex jinghata lill-konvenut, u minflok tiddikjara li l-fond fuq indikat huwa fl-intier tieghu proprjeta` tal-konvenut, filwaqt li tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ dsatax-il elf seba’ mija u tnejn u sebghin euro

(€19,772) fuq indikata fi zmien erba' snin f'pagamenti annwali ta' mhux anqas minn erbat elef disa' mija u tlieta u erbghin euro (€4,943) kull sena; tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, salv ghal dak li ser jigi ordnat dwar l-ispejjez tal-kawza.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jigu akkollati lill-attrici in kwantu ghal tliet kwarti [$^{3}/_{4}$] filwaqt li r-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] ghandu jigi sopportat mill-konvenut. L-ispejjez tal-appell ghandhom jigu sopporati bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------